



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.11.2017
COM(2017) 734 final

2017/0326 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità
Bankarja Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

L-Awtorità Bankarja Ewropea (European Banking Authority, EBA) għet stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, l-EBA tinsab f'Londra, fir-Renju Unit.

Fit-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jitleq mill-Unjoni, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Fl-20 ta' Novembru 2017, it-27 Stat Membru li fadal, fil-marġini tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali (l-Artikolu 50), għażel lil Pariġi, fi Franza, bħala s-sede l-ġdida għall-Awtorità Bankarja Ewropea.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Billi att li għandu jiġi emendat huwa bbażat fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), l-att emendatorju wkoll jinħtieġ li jkun imsejjes fuq din il-bażi.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għandha l-għan li temenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010. L-emenda korrisonendenti għalhekk hija proposta bħala Regolament emendatorju.

- **Sussidjarjetà u Proporzjonalità**

Il-kwistjoni tal-post tas-sede tal-Aġenzija hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Il-miżura hija proporzjonali mal-għan tar-Regolament propost, jiġifieri biex tiġi kkonfermata s-sede l-ġdida tal-Aġenzija fir-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-rilokazzjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea se jkollha implikazzjonijiet baġitarji, b'mod partikolari fid-dawl tal-ispejjeż relatati mat-terminazzjoni bikrija tal-kuntratt tal-kera attwali tagħha f'Londra bħala konsegwenza tal-irtirar, l-ispejjeż marbutin mat-trasferiment nnifsu u l-ispejjeż relatati biex tistabilixxi ruħha fil-bini ġdid f'Pariġi. Kif stipulat fid-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 għan-negozjar ta' ftehim mar-Renju Unit li jstipula l-arranġamenti dwar il-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit jinħtieġ li jkopri l-ispejjeż speċifiċi kollha relatati mal-proċess tal-ħruġ bħalma hija r-rilokazzjoni tal-aġenziji bbażati fir-Renju Unit.

Uħud mill-ispejjeż tar-rilokazzjoni jista' jkollhom jiġu prefinanzjati permezz tal-baġit tal-UE, qabel is-saldu finanzjarju. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tivvaluta l-ħtiġijiet addizzjonali ta' finanzjament biex jiġu mgħoddija mill-baġit tal-UE f'kooperazzjoni mal-Awtorità Bankarja Ewropea. Skont il-ħtieġa li tinqala', il-Kummissjoni tippreżenta l-proposti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali għall-2019, u, jekk ikun meħtieġ għall-2018. Dan jikkonċerna pereżempju l-ispejjeż marbutin mat-trazlok nnifsu. Barra minn hekk, l-ispejjeż relatati għall-istabbiliment f'bini ġdid se jiġu ppreżentati wkoll fil-kuntest tal-proċedura tal-bini stabbilita fl-Artikolu 203 tar-Regolament

Finanzjarju¹, li jesiġi li jkun hemm l-approvazzjoni minn qabel tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill qabel mal-kuntratti relatati mal-proġetti tal-bini jiġu konklużi. Din il-proċedura hija mistennija li titnieda mill-aktar fis possibbli (l-iktar tard fil-bidu tas-sena 2018).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fil-kuntest tan-notifika tar-Renju Unit fit-29 ta' Marzu 2017 bl-intenzjoni tiegħu li jitleq mill-Unjoni, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, is-27 Stat Membru l-ieħor, li ltaqgħu fil-marġini tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali ("l-Artikolu 50"), għażlu lil Pariġi, fi Franza, bħala s-sede l-għdida tal-Awtorità Bankarja Ewropea.
- (2) Wara li kkunsidraw l-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Awtorità Bankarja Ewropea jinħtieġ li tidħol fis-sede l-għdida tagħha minn meta t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit, jew mit-30 ta' Marzu 2019, skont liema minnhom tkun l-aktar kmieni.
- (3) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb ta' l-Awtorità Bankarja Ewropea fil-post il-ġdid tagħha, jinħtieġ li jiġi konkluż ftehim dwar il-kwartieri ġenerali qabel ma l-Awtorità Bankarja Ewropea tidħol fis-sede l-għdida tagħha.
- (4) Sabiex l-Awtorità Bankarja Ewropea tingħata biżżejjed żmien biex tirriloka ruħha, dan ir-Regolament jinħtieġ li jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni urġenti.
- (5) Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jinħtieġ li jiġi emendat skont dan,

² [...]

³ [...]

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1093/2010 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 7

Sede

L-Awtorità għandu jkollha s-sede tagħha f'Pariġi, fi Franza.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mid-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit jew mit-30 ta' Marzu 2019, skont liema data tiġi l-ewwel.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*